

# Is-Surmast Gaetano Zammit

**Tagħrif miġbur minn Joseph Grech**



Ir-raba' surmast tal-Banda San Ġużepp, li din is-sena qed infakkru għeluq il-55 sena mit-twaqqif tagħha, kien Mro. Gaetano Zammit. Huwa twieled il-Gudja minn Lorenzo u Vinċenza née Ellul fl-1937.

L-ewwel tagħlim mużikali ħadu mill-Każin tal-Banda La Stella ta' raħal twelidu, fl-età ta' 17-il sena. Ftit wara ddebutta bl-istrument magħżul ikun il-klarinett. Mro. Zammit kompla javvanza fl-istudji mużikali tiegħu għand is-Surmastrijiet Angelo Pace u Carmelo Pace.

Wara r-riżejna tas-Surmast Michelangelo Farrugia, il-kumitat tas-Soċjetà tagħna avviċinah biex jieħu f'idejh id-direzzjoni tal-banda. Sa minn zmien qabel is-surmast kien diġà ġie joqgħod Ħal Kirkop peress li żżewweġ lil Victoria née Camilleri, mill-istess raħal tagħna. Huwa aċċetta l-istedina tal-kumitat fis-6 ta' Lulju 1971 u dlonk intefa' b'ruħu u ġismu għat-tagħlim mużikali fost iż-żgħażagħ Ġużeppini.

Taħt it-tmexxija ta' dan is-surmst, il-banda għamlet progressi kbar, fosthom li ħarġet iddoqq għall-ewwel darba barra minn Ħal Kirkop, fl-okkażjoni tal-festa tal-Madonna tal-Grazzja f'Ħaż-Żabbar. Dan seħħ nhar il-Vitorja ta' l-1973. Il-ħeġġa u l-interess fil-banda żdiedu qatigħ tant li fit-18 ta' Mejju 1977 sar ukoll l-ewwel *recording* ta' marċi brijużi u fl-istess ħin il-bandisti tal-post dejjem jiżdiedu.

Fl-arkivji mużikali tas-Soċjetà, apparti minn diversi marċi brijużi ta' dan is-surmast, insibu wkoll innu mill-isbaħ *Lil San Ġużepp*, addattat biex jitkanta bil-kor u l-vuċijiet. Matul id-direzzjoni ta' dan is-surmast mal-Banda San Ġużepp, huwa kkompona wkoll l-innu lil Ħal Kirkop.

Barra mit-tagħlim mużikali, is-Surmast Zammit għen lis-Soċjetà fil-qasam ta' l-armar, meta fis-snin 1975 u 1976 inħadmu sett kolonni bil-pilandri għal Triq il-Kbira. Dan seħħ wara li f'Ġunju 1975 ingħataw lura d-drittijiet ta' barra lill-festi sekondarji.

Is-Surmast Gaetano Zammit temm l-inkarigu tiegħu minn surmast tal-Banda San Ġużepp nhar il-Ħadd 5 ta' Mejju 1979, wara li kien għadu kemm idderieġa lill-banda fiż-żewġ servizzi ta' lejlet u nhar il-festa ta' l-imsemmija sena.

Minn dawn il-paġni nirringrazzjah tas-sehem li ta biex il-Banda San Ġużepp bdiet taqbad it-triq tas-suċċessi u f'isem is-Soċjetà nawguralu għomor twil.



*Il-Banda San Ġużepp tagħmel l-ewwel servizz tagħha barra minn Ħal Kirkop fl-okkażjoni tal-festa tal-Grazzja f'Ħaż-Żabbar, taħt id-direzzjoni tas-Surmast Gaetano Zammit.*